MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 50/2011

**George Sultana**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Attard ta' "Ave Maria", Triq ta' Wara s-Sur, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita" numru 36665(G) *a tenur* tal-**artikolu 41(6) tal-Kap. 504,** datat 31 ta' Ottubru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona : -

*Preliminari u Fatti tal-Kaz*

Illi b'applikazzioni prezentata fit-tnejn (2) ta' Gunju 2008, l-appellant George Sultana talab sabiex huwa jibni *store*

ghall-skopijiet agrikoli f'sit fi Triq ta' Wara s-Sur, Rabat, Ghawdex.

L-applikazzioni giet rifjutata fil-21 ta' Guniu 2010 mill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar ghas-segwenti ragunijiet:

*1. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraph 2 of Policy and Design Guidance - Agriculture, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the proposed storage can be accommodated in a nearby category 2 ODZ settlement, within existing disused farm buildings owned by the applicant. There is therefore no justification for the development of the proposed site, in conflict with Structure Plan Policies SET11 and SET 12;*

*2. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraphs 1 (b), 1 (c), 1(d) and 1 (e) of Policy and Design Guidance - Agriculture, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the applicant does not have a satisfactory history of producing substantial and genuine crops for human consumption; it is unclear whether applicant's farm includes a minimum of 5 tumoli used for non-fodder production for the last two consecutive years prior to the application; the proposed storage building is not essential for the continuing satisfactory and effective operation of applicant's arable farm unit; and it is not essential for the development to be located on the site proposed;*

*3. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraph 3 of Policy and Design Guidance - Agriculture, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the proposed store, measuring 40.5sq.m. together with the two existing agricultural stores within the arable farm amounting to 30.5sq.m, exceeds the maximum permissible 40 sq.m. (although applicant's farm may not even qualify for a 40sq.m. agricultural store);*

*4. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraph 4 of Policy and Design Guidance - Agricultural, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the land on which the store is proposed is not located on arable land registered in the name of application;*

*5. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraph 4 of Policy and Design Guidance - Agricultural, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the applicant did not submit an official statement from the Malta Resources Authority stating that the proposed development is not located within a distance of less than 5 meters from the edge of a watercourse;*

*6. The proposal conflicts with Policies 1.3A, 1.3D and 2.4A paragraph 8 of Policy and Design Guidance - Agricultural, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the proposal would detract from the rural character of the area through unnecessary urbanization, and through its design. The proposal therefore also conflicts with Structure Plan Policies RCQ 2, RCO 4 and RCO 8;*

*7. The proposal conflicts with Policy 2.4A paragraph 9 of Policy and Design Guidance - Agricultural, Farm Diversification and Stables, 2007, in that the proposed building exceeds a height of 3.2meters externally;*

*8. The Gozo and Comino Local Plan Policy GZ-AGRI-1 sets out that 'MEPA will safeguard areas of Agricultural Value'. The proposed development is located within such an area and thus conflicts with the above mentioned Policy 1.3K of Policy and Design Guidance-Agriculture, Farm Diversification and Stables, 2007;*

*9. The proposal includes minimal provision for soft landscaping on site. It thus does not comply with Structure Plan Policy BEN 17 which requires appropriate landscaping of development;*

*10. The proposal runs counter to Circular PA 2/96 which states that 'when existing building or development on a site is wholly or partly illegal the DCC will not consider a development permit application relating to new development on that site, unless the development is regularized.' The illegal development includes a number of structures located within the applicant's arable farm subject of ECF 1079/99.*

Fl-appell tieghu quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, l-appellant issottometta li: (a) hu ma kienx il-propjetarju ta’ proprjetajiet ohra li fihom seta’ jizviluppa dan l-istore; (b) ic-cirkulari PA 2/96 ma kinitx applikabbli ghar-raguni li l-appellant ma kienx il-proprjetarju tas-sit fejn kienu jinsabu l-allegati irregolaritajiet u fit-tieni lok tali irregolaritajiet kienu qeghdin f’sit kompletament differenti u li ma kellux x’jaqsam mas-sit mertu ta’ din l-applikazzjoni; (c) minkejja li l-appellant ma kienx qieghed ikabbar hxejjex li huma ikkunsmati direttament min-nies, huwa kien qieghed ikabbar kwantita` sostanzjali ta’ maghlef li mbaghad huwa jbieghu lill-persuni li jrabbu l-annimali ghal-laham u l-halib. L-ammont ta’ maghlef prodott kull sena mill-appellant huwa tabilhaqq sostanzjali u ta’ dan ingabet prova fi-atti. Per konsegwenza huwa kien intitolat li huwa jkollu *store* ghall-skopijiet agrikoli; (d) mhux minnu li l-i*store* qieghed jeccedi l-limitu ta’ erbghin metru kwadru (40m.k.) ghar-raguni li l-appellant - kuntrarjament ghal dak allegat mill-MEPA - ma kellux kmamar ohra li kienu qeghdin jew li setghu jintuzaw bhala *store*, ll-kmamar li l-MEPA ghamlet riferenza ghalihom kienu *“pump room”* u kamra ohra imgarrfa, liema kamra lanqas kienet ghadha fil-pussess tal-esponenti ghax kienet qieghda fuq art suggetta ghal cens temporanju li ghalaq; (e) l-appellant ma setax ikollu s-sit mertu ta’ din l-applikazzjoni registrata fuq ismu ghar-raguni li din mhix proprjeta’ tieghu u fil-fatt x’hin issottometta l-applikazzjoni, l-appellant kien anke ghamel is-*certificate of ownership* “B” rikjest; (f) konferma minghand l-MRA li l-i*store* kien imbieghed tal-anqas hames metri mill-wied qatt ma intalbet ghalkemm l-appellant dejjem ta din il-garanzija fuq is-*site-plans* li huwa ipprezenta; (g) l-gholi ta’ 3,2 metri kien rikjest minhabba l-ingenji li l-appellant qieghed jipproponi li jinzammu fl-i*store*; (h) la darba l-appellant qieghed jipproponi li jibni *store* ghall-skopijiet agrikoli, l-i*store* kellu jsir f’*area* agrikola u qrib ir-raba’ fejn dan kien sejjer jintuza.

Illi b’decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-tlettax (13) ta’ Ottubru 2011, it-Tribunal irrifjuta din l-applikazzjoni. It-Tribunal sejjes id-decizjoni tieghu

principalment fuq l-ECF 1079/99 li harget fuq bicca mill-artijiet irregistrati fuq l-appellant. It-Tribunal qies li fic-cirkostanzi kellu japplika l-Provvedimenti tac-Circular PA 2/1996 - minkejja li l-irregolarita` ma kinitx tinsab fis-sit li l-appellant kien qieghed japplika fuqu - u per konsegwenza dan l-appell kellu jigi michud.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni fejn it-Tribunal ma tax il-permess mitlub u ghaldaqstant entro t-terminu prefiss mil-Ligi qieghed jinterponi dan l-appell fuq punt tal-ligi quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell *a tenur* tal-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt li bid-decizjoni tieghu t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar mar kontra l-ligi, Dan meta qies li l-*PA Circular 2/96* (Dokument "A") kienet testendi wkoll ghall-illegalitajiet li ma kienux jinsabu fis-sit li fuqu tkun qed issir applikazzjoni ghal zvilupp. Fil-fatt it-Tribunal iddecieda li ma seta' jinhareg l-ebda permess fuq dan is-sit mertu ta' din l-applikazzjoni jekk f'sit iehor u kompletament differenti minn dak li fuqu saret l-applikazzjoni kien hemm xi illegalitajiet.

- ***L-Aggravju - Applikazzjoni Hazina tal-PA 2/1996***

Circular PA 2/1996 tistabilixxi f'paragrafu 3.1 li: *"When existing development on a site is wholly or partly illegal (that is, it is not covered by a development permit), the DCC will not consider a development permit application relating to new development on that site, unless the illegal development is regularized."* Mid-dicitura ta' dan il-paragrafu huwa car li l-MEPA u/jew it-Tribunal ma jkunux jistghu johorgu jew jipprocessaw talba ghal zvilupp partikolari jekk zvilupp pre-ezistenti **<u>fuq dak l-istess sit mertu tal-applikazzjoni</u>** ikun wiehed illegali. F'din l-eventwalita' tali zvilupp illegali jkun irid jigi sanzjonat jew b'applikazzjoni separata jew inkella permezz ta' applikazzjoni ohra li tkun tinkludi wkoll l-izvilupp il-gdid. Din il-posizzjoni llum giet inkorporata fir-**Regolament 14 tal-Avviz Legali 514 tal-2010** li jistabilixxi ii: *"Minghajr*

*pregudizzju ghall-artikoiu* 70 u *ghas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att, meta zvilupp ezistenti fuq is-sit ikun ghal kollox jew biss f'parti illegali, l-Awtorita` ghandha tirrifjuta applikazzjoni ghall-izvilupp li jkollha x'taqsam ma' zvilupp gdid* ***fuq dak is-sit*** [enfazi tal-esponenti], *kemm-il darba li l-izvilupp illegali jkun inkluz ghal sanzjonar u l-izvilupp illegali jkun konformi mat-policies attwali".* Dan l-istess regolament wkoll qieghed jitkellem fuq il-fatt li sabiex zvilupp illegali jkollu l-effett li jwaqqaf l-applikazzjoni sottomessa, l-izvilupp illegali jrid jkun jikkoncerna **l-istess sit** mertu tal-applikazzjoni li tkun qed tigi processata.

Il-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien jammonta ghal zball manifest tal-ligi u l-*policies* applikabbli ghaliex it-Tribunal qies li d-dettami ta' PA 2/1996 kienu japplikaw ghal irregolaritajiet li kienu qeghdin f'siti ohra li ma kienux is-sit mertu tal-applikazzjoni ii kellu quddiemu t-Tribunal. L-izball kien wiehed li incida direttament fuq id-decizjoni li ta t-Tribunal u ma kienx sempliciment materja accessorja li ma kellha l-ebda effett fuq id-decizjoni finali. M'hemmx dubju ghalhekk li t-Tribunal aggixxa *ultra vires* ghax l-eghmil amministrattiv tieghu mar kontra l-ligi bi ksur tal-**artikolu 469A (1) (b) (iv) tal-Kap. 12.**

L-esponenti hawnhekk jaghmel riferenza ghall-***Anismic Case*** deciz mill-Qrati Inglizi li wassal sabiex inkluda fil-parametri tal-*judicial review* l-izbalji ta' ligi. Fi kliem **Wade and Forsyth** din id-decizjoni waslet ghal sitwazzjoni fejn: *"A tribunal had now in effect, no power to decide any question of law incorrectly: any error of law would render its decision liable to be quashed as ultra vires (Wade W. & Forsyth S,, Administrative Law, 7th Edition (1994), Clarendon Press. Oxford, pg 302 .)*

F'dan il-kaz decizjoni ta' Kummissjoni giet imhassra u dikjarata nulla proprju ghaliex bl-izball tal-ligi maghmul mill-membri ta' din il-Kummissjoni, huma marru *oltre* mill-poteri lilhom moghtija bl-istess ligi. **Wade and Forsyth** in succinct jispjegaw x'kienu l-fatti ta' dan il-kaz: *"The Foreign Compensation Commission had rejected a claim for compensation for a property already sold to a foreign*

*buyer on the erroneous ground that the statutory order in Council required that the successor in title should have been of British Nationality at a certain date. The majority of the House of Lords held that this error destroyed the Commission's jurisdiction and rendered their decision* o *nullity since on a true view of the law they had no jurisdiction to take the successor in title's nationality into account. By asking themselves the wrong question, and by imposing a requirement which they had no authority to impose, they had overstepped their powers,"*

Fil-kaz in dizamina nistghu nghidu li ghandna sitwazzjoni analoga ghal dik tal-**Anismic Case**. Dan ghaliex it-Tribunal fil-kaz odjern qies li d-dettami ta' PA 2/96 kienu japplikaw ghal cirkustanzi fejn l-izvilupp illegali kien qieghed f'sit iehor li ma kienx is-sit mertu tal-applikazzjoni. Dan meta l-ligi u l-*policies* applikabbli qeghdin jaghmluha cara li zvilupp illegali jista' biss jzomm applikazzjoni ghal zvilupp jekk l-illegalita` tkun fuq l-istess sit ta' din l-applikazzjoni. It-Tribunal kien konxju ta' dan ghaliex fid-decizjoni tieghu l-istess Tribunal iddikjara b'mod mill-aktar car u inekwivoku li l-*farm* fejn tinsab l-illegalita` kien f'sit differenti mis-sit li l-appellant kien qieghed japplika fuqha, L-appellant imur *oltre* u jissottlinea li fil-mori tas-smigh tal-applikazzjoni hu anke ipprezenta provi cari u inekwivoci li l-*farm* in kwistjoni lanqas biss huwa proprjeta' tieghu jew fi proprjeta` tieghu. *(L-appellant fil-fatt ipprezenta r-ricerki tat-trasferimenti u tal-passivita` tieghu u minn dawn ir-ricerki jirrizulta li huwa m'ghandu l-ebda drittijiet reali fuq il-farm mertu tal-avviz ta' infurzar ECF 1079/99*). Madanakoliu t-Tribunal xorta iddecieda b'mod li estenda l-applikabbilita' ta' PA 2/96 ghall-cirkostanzi fejn **<u>din m'hijiex applikabbli</u>** u dan sabiex fil-fehma tat-Tribunal *"ma jinholoq ebda precedent fuq l-applikazzjoni ta' policy krucjali bhal ma hi s-Circular PA 2/96",* Huwa umilment sottomess li t-Tribunal xoghlu kien li jezamina l-applikazzioni fid-dawl tal-*policies* u ligijiet ezistenti u applikabbli u mhux li jestendi arbitrarjament il-ligi jew il-*policies* ghall-cirkostanzi differenti u li ma humiex kontemplati fl-istess ligi u *policies*. Bl-atteggjament tieghu t-Tribunal agixxa *ultra vires* u ghaldaqstant hemm lok li d-decizioni tal-istess Tribunal tigi mhassra u revolata.

- ***Konkluzjoni***

Ghaidaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-appell, l-esponenti - filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gia` prodotti quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u ghan-noti minnu pprezentati u jirrizerva d-dritt illi jipproduci provi ulterjuri skont il-ligi - jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunai ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar moghtija nhar il-Hamis, tlettax (13) ta’ Ottubru 2011 fl-ismijiet premessi u tordna li l-kaz jerga’ jigi rimess lit-Tribunai ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-ippianar diversmanet presedut ghall-kjonsiderazzjoni mill-gdid tal-kaz.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li din l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 18 ta’ Jannar 2012 a fol 21 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tar-regoli u l-*policies* dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mit-Tribunal mhijiex sindakabbli, kien ikkonfermat regolarment mill-gurisprudenza ta’ din l-Onorabbli Qorti. (cf **Dr. Alfred Grech vs Awtorita’ tal-Ippjanar** – sentenza tal-31 ta’ Mejju 1996 – Appell Nru. 93/94). Ghalhekk it-Tribunal ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-interpretazzoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

Altrimenti dina l-Onorabbli Qorti tkun qieghda tissostiwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal u b’hekk tagixxi ta’ tribunal tat-

tielet istanza. Dan kien konfermat minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar (decizjoni tal-24 ta' April 1996)** fejn l-aggravju tal-appellant kien li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod skorrett il-Pjan ta' Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjoniiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati:

*"Tali interpretazzjoni…hija esklussivament fil-mansjoni tal-esercizzju tal-poteri ta' l-organi ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord tal-Appell u mhux din il-Qorti.".*

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 13 ta' Ottubru 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fit-13 ta' Ottubru 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Jean Paul Grech ghall-appellant, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Il-Qorti innotat li hi sprovista mill-process tal-appell mhux anness u l-Qorti ordnat li dan isir minnufih *animo ritarandi.* Id-definsuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2012.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 27 ta' Jannar 2012 a fol 18 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja tal-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**George Sultana vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjnet u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-

kawza u b’hekk din il-Qorti tista’ u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell huwa fis-sens li f’dan il-kaz, legalment ma setghatx tigi applikata ic-*Circular Policy 2/96* li tipprovdi li meta sit ghandu zvilupp shih jew parzjali llegali fuqu, l-Kummissjoni ma tikkunsidrax l-applikazjoni ghall-izvilupp fuq zvilupp gdid fuq l-istess art sakemm l-izvilupp illegali jigi regolarizzat jew sanat, u dan ghaliex l-izvilupp illegali li saret riferenza ghalih mit-Tribunal kien fil-fatt f’sit differenti u allura l-istess *Circular PA 2/97* giet estiza sabiex tkopri kazijiet li ma kienitx intiza tkopri bil-Ligi, ghaliex giet applikata minkejja li l-izvilupp illegali kien jezisti fuq sit differenti minn dak mertu tal-applikazzjoni odjerna.

Illi fil-fatt l-istess *Circular PA 2/97* f’paragrafu 3.1 tipprovdi testwalment li:-

*“When existing development on a site is wholly or partly illegal (that is, it is not covered by a development permit), the DCC will not consider a development permit application relating to new development on that site, unless the illegal development is regularized.”*

Illi huwa evidenti li mid-dicitura stess u litterali ta’ dan il-paragrafu huwa car li l-Awttorita’ u/jew it-Tribunal ma jkunux jistghu johorgu jew jipprocessaw talba ghal zvilupp partikolari jekk zvilupp pre-ezistenti fuq dak l-istess sit mertu tal-applikazzjoni ikun wiehed illegali. F’din l-eventwalita’ tali zvilupp llegali jkun irid jigi sanzjonat jew b’applikazzjoni separata jew inkella permezz ta’ applikazzjoni ohra li tkun tinkludi wkoll l-izvilupp il-gdid.

Illi izda mid-decizjoni stess tal-istess Tribunal jirrizulta li l-illegalijiet li rrefera ghalihom u senjatment dawk mertu tal-ECF 1079/99 huma dwar zvilupp illegali fuq artijiet ohra

allegatment registrati fuq l-appellant, li skond l-istess decizjioni huma f'ghalqa differenti minn dik li saret l-applikazzjoni fuqha u allura ma hemm l-ebda dubju li dan huwa legalment zbaljat ghal tali Circular tirreferi ghall-applikazzjoni fuq sit li fuqu stess hemm zvilupp illegali.

Illi mela ma hemmx dubju li bil-mod kif imposta d-decizjoni din hija zbaljata tant li saret interpretazzjoni hazina ta' *policy,* liema *policy ai fini* tal-Ligi tal-Ippjanar hija Ligi. L-interpretazzjoni tal-istess taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal u wkoll fil-kompetenza ta' din il-Qorti, ghaliex l-interpretazzjoni u t-tifsira legali ta' kull *policy* huwa punt ta' dritt, a differenza ta' l-applikazzjoni tal-*policy*, interpretata korrettament legalment ghall-fatti tal-kaz, u hija ghalhekk l-applikazzjoni tal-istess *policy* bhala stat ta' fatt li mhux kompetenza ta' din il-Qorti (**"George Micallef vs Il-Kummissjoni Ghal Kontrol ta' l-Izvilupp"** (A.I.C (RCP) – 29 ta' April 2004); **"Michael Axisa nomine vs L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ippjanar"** (A.I.C (RCP) – 24 ta' Gunju 2004);**Anthony R. Borg vs vs Il-Kummissjoni Ghal Kontrol ta' l-Izvilupp"** (A.I.C (RCP) – 24 ta' Ottubru 2005). B'hekk certament li din il-Qorti mhux qed taqbel ma' dak sottomess mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha ghaliex il-posizzjoni legali ma hijiex kif hemm sostnuta mill-istess Awtorita'. Hawn issir riferenza ghad-decizjoni **"Stella Buttigieg u Joseph Cordina vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar"** (A.I.C (RCP) - 29 ta' Jannar 2009) fejn jirrizulta li l-posizzjoni attwali hija kif hawn deciza u l-interpretazzjoni tal-policies huwa punt ta' dritt li dwaru kien hemm appell quddiem din il-Qorti skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** u llum l-**artikolu 40 (6) tal-Kap. 504.** B'hekk l-aggravju tal-appellant fuq dan il-bazi qed jigi milqugh.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 18 ta' Jannar 2012 biss inkwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak dawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti George Sultana fir-rikors tal-appell tieghu datat 31 ta' Ottubru 2011** u dan fis-sens

hawn deciz, u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"George Sultana vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (Appell Numru 195/10 CF)** tat-13 ta' Ottubru 2011 u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar kompost skond il-Ligi sabiex jiddeciedi l-kaz skond il-ligi u billi josserva dak kollu hawn deciz u b'hekk jiddeciedi l-istess applikazzjoni mertu ta' dan l-appell fid-dawl ta' dak deciz f'din is-sentenza.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------